MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2005

Numru 99999/9999

Il- Pulizija
(Spettur Mario Haber)

vs

Ermine Massaa Tchinda

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmija Ermine Massaa Tchinda, ta' 25 sena, ta' Nazzjonalita Kamerunjana, bint Joseph u Guntso Jeanne, imwielda Mbouda fil- 11 ta' April 1980 u detentrici ta' karta tal-identita' tal- Kamerun numru 102694428.

Talli fl- 4 ta' Gunju 2005 u/jew matul il- gimghat ta' qabel f' dawn il- gzejjer, iffalsifikat, biddlet jew ghamlet xi tibdil f' passaport jew uzat jew kellha ghandha passaport li hija taf li gie falsifikat, imbiddel, jew li sar tibdil fih, u cioe' passaport tal- Kanada mahrug f' isem Zeitoun Fatme bin-

numru VF343013, bi ksur tal- Artikolu 5 tal- Kap 61 tal- Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli matul l- istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlet falsifikazjoni ohra, jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat, bi ksur tal- Artikoli 189 tal- Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat li l- akkuzata ma oggezjonatx li l- kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja minn din il- Qorti.

Rat li l- akkuzata ammettiet l- akkuzi migjuba kontriha u tenniet wara li l- Qorti fissritilha l- konsegwenzi ta' tali ammissjoni u tatha zmien biex tahsibha fil-prezenza ta' l- avukat taghha.

Stante ammissjoni issibha hatja.

Rat l- art. 5 tal- Kap. 61 u l- art. 189 tal- Kap 9 kif ukoll l- art. 22 tal- kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Stante il- kondotta nadifa tal- akkuzata li trid tiehu hsieb tarbija ser tapplika l- ahhar imsemmi artiklu.

Ghalhekk fil- waqt li ssibha hatja tilliberha taht il-provedimenti ta' l- art. 22 tal- Kap 446 b' dan li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur m' llum. Il- Qorti qed tfisser l- import ta' din is- sentenza lill- hatja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------